3, Ċentru Servizz Anzjan, Triq Żekka, Valletta VLT 1510
Imejl: aacc-services@gov.mt
Websajt: www.activeageing.gov.mt
Freephone 153
Tel. 2278 8800

# Dħul f'Dar tal-Anzjani

## Ħarsa ġenerali

Dħul f'Dar tal-Anzjani jipprovdi servizz ta' kura residenzjali f'ambjent protett u sigur lil anzjani u persuni b'diżabilità, li ma jistgħux jibqgħu jgħixu b'mod indipendenti fid-dar tagħhom.

## X'se tingħata

Ladarba residenti prospettivi jkunu aċċettati biex jidħlu f'dar residenzjali, huma jkunu mistiedna għal żjara ta' orjentazzjoni qabel ma jidħlu. Hemm ħafna faċilitajiet li jinkludu kamra tal-banju bl-*en suite*, sistema ta' sejħa għall-għajnuna f'każ ta' emerġenza, arja kkundizzjonata, sistema ċentrali biex iżomm l-ambjent sħun, telefon f'kull kamra għal telefonati li jidħlu minn barra u għal telefonati interni, u aċċess ta' Wi-Fi. Hemm ukoll kmamar komunitarji bħal kmamar tal-pranzu, kmamar ta' rikreazzjoni, kamra bit-TV u kappella.

Is-servizzi jinkludu l-provediment ta' infermiera, u servizzi oħra ta' kura, kif ukoll il-provediment ta' *allied health services*. Dawn is-servizzi jinkludu s-servizz ta' tim ta' professjonisti mill-*Allied Health Professionals* u jinkludu servizzi ta' fiżjoterapija, *occupational therapy, speech therapist* u podjatrija. Dan kollu jiddependi fuq il-bżonnijiet tar-resident. Ir-residenti jkunu provduti b'ikliet kuljum li jinkludu kolazzjon, ikla ta' wara nofsinhar u pranzu, servizzi ta' tindif, servizzi ta' uffiċċju ta' *front desk*, servizzi pastorali, u servizzi konnessi mal-kura tax-xagħar.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

- Anzjan li għandu 60 sena `l fuq; jew
- Persuna li tbati minn xi forma ta' diżabilità; jew
- Anzjan li jbati bid-dimenzja; jew
- Anzjan li għandu bżonn kura fit-tul; jew
- Anzjan li ma jistax jgħix fid-dar tiegħu

## Dokumentazzjoni meħtieġa

Dokumentazzjoni ġenerali:

- Rapport Mediku li għandu jkun ffirmat minn tabib tal-familja
- Kull ċertifikat/rapport mediku mill-Isptar

Meta applikazzjoni tkun mimlija u eżaminata, din tgħaddi għand it-Tim tal-Assessjar. Komunikazzjoni hemmhekk issir bejn dan it-Tim tal-Assessjar u l-applikant bil-għan li tinstab data u ħin addattat biex isir l-assessjar minn tim multi-dixxiplinarju. Dan it-tim jikkonsisti f'tobba mediċi, infermieri, terapisti u ħaddiema soċjali. F'każ fejn l-applikant ma jistax iħalli d-dar tiegħu minħabba mard jew korriment, l-

assessjar ikun skedat biex isir fl-istess residenza tal-applikant. L-għan tal-assessjar hu biex jiddetermina l-livell ta' servizzi meħtieġa mill-applikant, kif ukoll il-livell ta' prijorità. Matul l-assessjar jingħataw ukoll pariri dwar servizzi neċessarji li huma aċċessibbli fi ħdan il-komunità.

It-tim janalizza dawn l-aspetti:

- Dettalji dwar il-persuna f'kuntest soċjali u kliniku
- Diffikulatijiet li joħorġu minn *cognitive impairment*
- Livelli ta' mobilità u dipendenza
- Aċċess għal sapport

Permezz ta' din l-informazzjoni, it-tim multi-dixxiplinarju jirrakomdanda l-livell xieraq ta' kura li hi meħtieġa. Dan jiddependi wkoll fuq il-kundizzjoni medika u l-istess livelli ta' dipendenza. It-tim jirrakomanda wkoll dwar il-prijorità u l-urġenza tal-każ. It-tim multi-dixxiplinararju jieħu ħsieb jimla wkoll rapport ta' assessjar rigward kura fit-tul li mbagħad ikun anness flimkien mal-applikazzjoni.

## Kif tapplika

Imla u ssottometti l-applikazzjoni onlajn.

Meta persuna tidħol f'Dar Residenzjal (kura ta' livell 1), ħlasijiet u tariffi japplikaw, konformi mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 318.13 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat.

B'effett minn dik id-data, kull persuna li ssir residenti ta' dan is-servizz residenzjali, meta/jew wara li daħlu b'effett dawn ir-regolamenti, u min qed jirċievi kura ta' livell 1, għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, assistenza soċjali u *bonus* li jirċievi, nett mid-dħul tat-taxxa, u 60% minn kull dħul ieħor li jkun irċieva matul is-snin kalendarji immedjatament qabel is-sena li fiha l-assessjar minn dak id-dħul ieħor isir għal skop ta' dawn ir-regolamenti. Dejjem jittieħed nett mid-dħul tat-taxxa.

Kif ukoll, għandu jsir rendikont tal-valur ta' kwalunkwe proprjetà (eskluż id-dar ta' residenza) li hi, jew li tista' tkun, investit jew maħsuba għal skop ta' profitt, eskluża l-għamara, ġojjellerija u oġġetti oħra ta' natura personali. Il-valur tal-proprjetà għandu jkun trattat bħala li qed jipprovdi dħul kull sena ekwivalenti għal 5.5% tal-valur kapitali. Minkejja dan, il-kontribuzzjoni magħmula mir-resident ma tistax tkun tali li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena biex ikunu disposti għar-resident. Il-kontribuzzjoni minn persuna li kienet residenti qabel it-3 ta' Jannar 2004 m'għandhiex taqbeż €31.45 kuljum, jew li tħalli lir-resident b'anqas minn €1,397.62 fis-sena għad-dispożizzjoni tar-resident.

Tista' tagħmel użu minn Kalkulatur onlajn sabiex tagħmel stima tal-intitolament tar-rata tal-benefiċċju.

## Suġġerimenti, Rakkomandazzjonijiet u Ilmenti

F'każ ta' suġġerimenti jew ilment agħfas hawn.